MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## DOREEN CLARKE

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2007

Numru 233/2007

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra:

Massimo Bartolo ta' 22 sena, bin George u Helen nee' Galea, imwieled Pieta' nhar l- 10 ta' Settembru 1984 u residenti 'St. Mary', Triq Giovanni Mamo, Birkirkara, detentur tal- karta tal- identita' bin- numru: 447484(M)

Talli:

Nhar is- 7 ta' Marzu 2007, ghal- habta tas- 6.30 ta' filghaxija, gewwa l- Belt Valletta, minghajr licenzja tal-Pulizija, ta' n- nar jew spara maskli, bombi, suffarelli, jew xoghlijiet tan- nar ta' kull xorta li jkunu jew ghamel esplozjoni jew nar li jista' jkun ta' perikolu;

Talli fl- istess lok, data hin u cirkostanzi, ma obdiex l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill- Pulizija jew ma halliex

jew fixkel diversi ufficjali tal- Pulizija waqt li kienu jaghmlu d- dmirijiet taghhom, jew b’ xi mod bla jedd indahal fl- istess dmirijiet billi ma halliex lill membri tal- Korp tal- Pulizija jaghmlu dak li b’ ligi kienu ordnati li jaghmlu u billi hassar jew gab fix- xejn dak li l- membri tal- Korp tal- Pulizija bhala awtorita’ kienu ghamlu;

Talli fl- istess lok, data hin u cirkostanzi, ha parti attiva f’ gemgha ta’ ghaxra min- nies jew aktar, migburin bil- hsieb li jaghmlu reat ghalkemm dik il- gemgha ta’ nies tkun giet mxewxa minn hadd in partikolari;

Talli fl- istess lok, data, hin u cirkostanzi, f’ kaz ta’ ghagha tan- nies, irrifjuta minghajr raguni tajba jghati taghrif lil min ikun inkarigat minn servizz pubbliku waqt li jkun qed jghamel id- dmirijiet tieghu;

U aktar talli fl- istess lok, data, hin u cirkostanzi, b’ xi mod iehor mhux msemmi band’ ohra fil- Kodici Kriminali, volontarjament kiser il- bon ordni jew il- kwiet tal- pubbliku;

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu anke wara li l-Qorti fissritlu l-konsegwenzi ta’ ammissjoni u taghtu zmien biex jahsibha.

Rat l-artikolu 24 tal-Kap 33 u l-artikolu 68(2), 338(c), 338(dd), u 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijet ta’ Malta.

Rat il-fedina penali ta’ l-imputat u d-dokumenti l-ohra prezentati inkluz l-istaqrrijiet rilaxxjati mill-imputat.

Semghat it-trattazzjoni tal-prosekuzzjoni u d-difiza dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputazzjoni dedotta kontra l-imputat hija dik li fis-7 ta’ Marzu 2007 ha parti attiva f’gemgha ta’ ghaxra minn nies jew aktar, u li minghajr ma kellu licenzja tal-Pulizija ta nar jew spara faqqaturi. In oltre huwa gie akkuzat li m’obdiex ordni legittimu tal-Pulizija, irrifjuta li jghati tgharif lill-Pulizija u talli kiser il-buon ordni u paci pubblika.

Illi f'l-udjenza tat-23 ta' Marzu 2007, meta l-imputat tressaq quddiem din il-Qorti bhala Qorti Istruttorja, ammetta l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu. L-imputazzjonijiet ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-piena, il-Qorti f'l-ewwel lok tirrileva li l-piena li ghandha tigi inflitta hija dik ai termini tal-Ligi fil-konfront ta' **dan** l-imputat **ghall-imputazzjonijet dedotti kontra tieghu** tenut kont tal-principji in materja assodati fil-gurisprudenza u dottrina.

Illi fatturi li din il-Qorti thoss li huwa ta' rilevanza fir-rigward tal-piena li ghandha tigi inflitta huma l-ammissjoni bikrija u l-fedina penali netta ta'l-imputat li huwa *first time offender*.

Illi fattur iehor li ghandu certa rilevanza huwa li, mill-atti kollha projbiti (fin-nuqqas ta' licenzja tal-pulizija) ai termini ta' l-artikolu 24 tal-Kap 33 dak kommess mill-imputat huwa wiehed mill-anqas gravi.

Illi l-piena stabbilita ghall-imputazzjonijiet adebiti lill-imputat (mill-hames imputazzjonijet tlieta minnhom huma ta' natura kontravvenzjonali) tikkontempla l-impozizzjoni ta' multa fil-massimu ta' hames mitt lira u / jew prigunerija ghal perjodu massimu ta' sitt xhur.

Illi l-Qorti in vista tal-kunsiderazzjonijiet fuq maghmula u b'mod partikolari l-fedina penali netta ta' l-imputat li huwa *first time offender* il-Qorti hija tal-fehma li piena karcerarja mhix indikata.

Ghal dawn il-motivi, u wara li rat l-artikolu 24 tal-Kap 33 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 68(2), 338(c), 338(dd), u 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-artikoli 7, 11 u 17 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 29 u 33 tal-Kap 33 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni issib lill-imputat Massimo Bartolo hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' tlett mitt lira Maltija (Lm300)

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------